**19 ta' April, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Emmanuela sive Lily Schembri

*versus*

Avukat Dottor Philip Attard Montalto *noe.*

## Inabilitazzjoni Legali - Rappreżentanza Tal-Komunjoni Ta' L-Akkwisti

*Kawża fejn intalbet dikjarazzjoni ta' nullità ta' kuntratt ta' bejgħ ta' fondi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti liema kuntratt kien sar mingħajr l-intervent tal-kuratur ta' mara miżżewġa li kienet inabilitata legalment. Il-Qorti sabet li la l-fondi kienu jappartjenu għall-komunjoni ta' l-akkwisti, żewġt il-mara legalment inabilitata seta' validament jiddisponi mill-proprjetà tal-komunjoni;*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni li tgħid hekk:

Peress illi l-konvenut Joseph Schembri biegħ fit-tmienja ta' Lulju elf disa' mija ħamsa u ħamsin (1955), diversi fondi u fosthom ir-residenza ta' martu l-attriċi, u dan mingħajr l-intervent u assistenza tal-kuratur tagħha fuq il-kuntratt ta' bejgħ u hekk *in flagrante* kontra l-interessi ta' martu interdetta li ġiet sospiża kawża ta' seperazjoni tagħhom minħabba li bħala interdetta ma setatx toqod f'kawża ta' separazjoni, u hekk illum jeżisti stat *sui generis* bejn l-attriċi u l-konvenut, billi bil-fatt illi din l-Onorabbli Qorti imponiet kuratur għal mart il-konvenut dan juri ċar li hu kemm versu lejn l-attriċi u kemm di fronti għal terzi ma għandux is-setgħa fuq il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti u ma setax ibiegħ mingħajr l-assistenza u presenza tal-kuratur tal-attriċi, li oltre dan għadha scritta nużjali, u oltre il-fatt illi l-vendità in kwistjoni kienet kuntrarja għall- interess, xewqa u l-protezzjoni li *pater familias* għandu ikollu jagħti lill-martu, speċjalment fl-istat tagħha;

Juru għaliex il-konvenuti *proprio et nomine* ma għandhiex din il-Qorti tiddikjara null u mingħajr effett il-kuntratt pubblikat minn-Nutar Paul Pulliċino fit-tmienja ta' Lulju elf disa mija ħamsa u ħamsin bejn il-konvenut u in-Nobbli Charles Sant Fournier li kien deher għad-ditta allura msemmija *B Tagliaferro and Sons* billi fuq dan il-kuntratt sar in frode ta' l-interess ta' l-attriċi u b'kollużjoni bejn il-partijiet li t-tnejn kellhom interess illi jaqbżu id-drittijiet tal-attriċi illi kienet totalment interdetta f'dan il-perijodu tal-kuntratt li qegħdha timpunja. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Philip Attard Montalto in rappreżentanza ta' *Tagliaferro Estates* u ta' Guido San Fournier in rappreżentanza ta *B Tagliaferro & Sons limited;*

Illi l-fondi trasferiti bl-att ta' bejgħ tat-8 ta' Lulju, 1955 (Dok. A) kienu kollha jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn Joseph Schembri u martu;

Illi Joseph Schembri bħala kap ta' dik il-komunjoni, li kienet għadha mhix xolta fil-ġurnata tal-bejgħ, kellu dritt jiddisponi waħdu *uti dominus;*

Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni intentata hija anki preskritta għaliex għaddew aktar minn sentejn (artikolu 1267);

*Omissis;*

Tikkunsidra illi:

1. L-eċċezjoni tal-preskrizjoni sollevata mill-konvenut Avukat Dottor Philip Attard Montalto nomine ġiet ritirata b'verbal tas-26 ta' April 1976;

2. L-attriċi Emmanuela Schembri kienet mart il-konvenut Joseph Schembri. Il-lum dawn it-tnejn huma mejtin;

3. Bil-kuntratt in kwistjoni, pubblikat fit-8 ta' Lulju 1955 Joseph Schembri kien biegħ u trasferixxa diversi fondi lid-ditta konvenuta *B. Tagliaferro and Sons.*;

4. Emmanuela Schembri kienet inabilitata mis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti. Jidher li kienet ġiet hekk inabilitata qabel ma saru t-trasferimenti msemmijin minn żewġha. Di fatti bl-azzjoni preżenti l-attriċi tippretendi li l-kuntratt fuq iċ-ċitat huwa null fuq il-motiv li fuq dak il-kuntratt ma kienx jidher il-kuratur

*tagħha. Motiv ieħor hu, skond l-attriċi, li l-istess kuntratt kien* sar bi frodi ta' l-interess tagħha u b'kollużjoni bejn il-partijiet "li t-tnejn kellhom interess li jaqbżu d-drittijiet ta' l-attriċi";

5. Kwantu jirrigwarda l-ewwel motiv, li l-kuratur ta' l-attriċi ma kienx deher fuq l-att, jirriżulta li l-fondi trasferiti minn Joseph Schembri b'dak l-att, kienu jappartjenu *lill*-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u martu, l-attriċi. Di fatti huma żżewġu fl-1926, preżumibilment bir-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jirriżulta mill-kuntratt in kwistjoni li l-fondi kollha trasferiti b'dak il-kuntratt, kienu ġew akkwistati minn Joseph Schembri wara l-1926;

6. La darba dawk il-fondi kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti, bejn l-attriċi u żewġha Joseph Schembri, dan seta' "jagħmel minnhom daqs li kieku kienu ħwejjġu." Dana skond l-artikolu 1362 (1) tal-Kodiċi Ċivili edizzjoni 1942 (illum artikolu *1318 (1) tal-Kap. 16) qabel ma ġie emendat* bl-Att XLVI ta' l-1976. Joseph Schembri għalhekk fl-1955 kellu l-fakoltà li jiddisponi mill-fondi in kwistjoni mingħajr l-intervent ta' martu. L-inabilitazjoni tagħha ma rriduċiet xejn minn dik il-fakoltà;

7. Kwantu għall-motiv tal-frodi u kollużjoni, avanzat mill-attriċi, ma rriżulta xejn f'dan ir-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, fil-kontumaċja tal-konvenut Joseph Schembri,

(1) Tastjeni ruħha milli tiddeċidi l-eċċezjoni tal-preskrizjoni li ġiet ritirata;

(2) Tiċħad it-talba bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.